MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 562/2004

**Korporazzjoni Enemalta**
**vs**

**Grima David**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fil-15 ta' Marzu, 2004, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sebgha u tletin lira u disghin centezmu (Lm337.90c) in linea ta' danni kkagunati f'arblu propjeta' tal-Korporazzjoni attrici li sehh nhar it-23 ta' Dicembru, 2001 gewwa Hamrun ByPass, Marsa;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 t'Otturbu, 2003 bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-istess ittra u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-2 t'April, 2004 fejn qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-**

**dritt u ghandhom jigu michuda 'de quo' ma kienx reponsabbli l-istess konvenut u konsegwentament lanqas ghall-allegati danni;**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ra li l-konvenut deher fis-16 t'April, 2004, fit-13 ta' Mejju, 2004 u l-10 ta' Gunju, 2004 u l-attur baqa' ma deherx u lanqas ma ressaq provi;**

**Ghaldaqstant wara li ra l-Artikolu 13 (a) tal-Kap 380 it-Tribunal qed jirrigetta l-kawza u jordna li l-ispejjez jithallsu mill-Korporazzjoni attrici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------